



Brussell, 8 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9463/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)

AGRI 201
AGRILEG 78
AGRIFIN 56
AGRISTR 56
AGRIORG 50
CODEC 614
CADREFIN 153

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill
Nru dok. Cion:	9645/18 + COR 1 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jittfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <i>- Arkitettura ekoloġika</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza dwar l-arkitettura ekoloġika tal-Politika Agrikola Komuni futura.

Fil-laqgħa tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura tat-13 ta' Lulju 2020, id-delegazzjonijiet ser jiġu mistiedna japprovaw il-mistoqsijiet proposti biex jiggwidaw id-dibattitu ministerjali fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-20 ta' Lulju 2020.

L-arkitettura ekoloġika fil-PAK ta' wara l-2020

Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza

1. L-**arkitettura ekoloġika** hija element ċentrali tal-proposta tal-Kummissjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) ta' wara l-2020. Din tinkludi diversi elementi, inkluż il-kondizzjonalità (li tgħaqqad flimkien l-ekoloġizzazzjoni u l-kondizzjonalità mill-PAK attwali), l-ekoskemi l-ġodda, firxa ta' interventi għall-ambjent fil-qafas tal-pilastru II kif ukoll xi definizzjonijiet rilevanti (eż. ettaru eliġibbli).
2. L-arkitettura ekoloġika għandha l-għan li tikseb **ambizzjoni ambjentali u klimatika** ogħla minn dik fil-perijodu attwali. L-Istati Membri dejjem approvaw din l-ambizzjoni ogħla fil-prinċipju, bil-kondizzjoni li din ma timplikax piż amministrattiv żejjed u li jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti biex il-PAK tilħaq dawn l-oġettivi ekoloġiċi msaħħa.
3. Biex tgħin tinkiseb din l-ambizzjoni ogħla, il-Presidenza Finlandiża ssuġġeriet "**approċċ ta' perċentwal uniku**" għan-nefqa ambjentali u dik relatata mal-klima, li jirrikjedi kontribut miż-żewġ pilastri. Dan ġie esplorat aktar mill-Presidenza Kroata. Madankollu, kif enfasizzat fir-rapport ta' progress tagħha (8734/20), il-Presidenza Kroata finalment qieset li ma kienx hemm appoġġ suffiċjenti għall-introduzzjoni ta' dan l-approċċ minħabba l-fehmiet diverġenti ħafna tal-Istati Membri. Minkejja dan, fil-KSA tas-6 ta' Lulju tqies li l-idea ta' **kontribut miż-żewġ pilastri** jistħoqqilha attenzjoni mid-delegazzjonijiet. Jista' jkun hemm il-bżonn li jiġi eżaminat aktar dan l-aspett, kif ukoll il-kwistjoni aktar ġenerali ta' kif jiġi żgurat livell minimu komuni ta' ambizzjoni fil-livell tal-UE.

4. Wiehied mill-elementi l-ġodda tal-PAK futura li suppost jikkontribwixxi b'mod attiv għal ambizzjoni ogħla huwa l-**ekoskemi**, jiġifieri skemi għall-ambjent li għandhom jiġu ffinanzjati fil-qafas tal-pilastru I, li b'hekk jikkostitwixxu pagamenti li għandhom isiru fuq bażi annwali. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, dawn jenħtieġ li jkunu obbligatorji għall-Istati Membri iżda volontarji għall-bdiewa. Fil-KSA tas-6 ta' Lulju, diversi delegazzjonijiet appoġġaw l-idea tal-ekoskemi. Madankollu, il-fehmiet dwar l-applikazzjoni obbligatorja jew volontarja mill-Istati Membri kienu għadhom diverġenti. Dawk li kienu favur approċċ volontarju argumentaw li, peress li l-ekoskemi jikkostitwixxu strument ġdid, l-użu tagħhom mill-bdiewa jista' jkun diffiċli biex jiġi previst u għalhekk enfasizzaw li aktar flessibbiltà finanzjarja tkun meħtieġa.
5. Fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) tagħha "Analysis of links between the CAP Reform and the Green Deal" (Analiżi tar-rabtiet bejn ir-Riforma tal-PAK u l-Patt Ekoloġiku) (8228/20) ippubblikat f'Mejju 2020, il-Kummissjoni ssuġġeriet delimitazzjoni għall-ekoskemi fil-qafas tal-ewwel pilastru. Fil-KSA tas-6 ta' Lulju, id-delegazzjonijiet esprimew fehmiet diverġenti dwar din l-għażla, li rċeviet xi appoġġ iżda tat lok għal diversi dubji u mistoqsijiet b'mod partikolari fid-dawl tar-riskju li jintilfu fondi. Għadd ta' Stati Membri enfasizzaw li, mingħajr **flessibbiltà finanzjarja** suffiċjenti, l-użu insuffiċjenti possibbli ta' dawn l-istrumenti jirriżulta f'telf ta' fondi disponibbli.
6. Mill-perspettiva tal-Presidenza, il-kwistjoni ta' delimitazzjoni għan-nefqa ambjentali u dik relatata mal-klima hija waħda mill-kwistjonijiet ċentrali pendenti fid-diskussjoni dwar l-arkitettura ekoloġika. Fir-rigward tal-introduzzjoni ta' delimitazzjoni għall-ekoskemi, jirriżultaw għadd ta' **mistoqsijiet prattiċi**, pereżempju, x'soluzzjonijiet jistgħu jinstabu għall-problema ta' fondi li ma ntefqux? Barra minn hekk, tista' tkun meħtieġa ċerta flessibbiltà fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni ta' delimitazzjoni għall-ekoskemi.

7. Id-diskussjoni fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-20 ta' Lulju 2020 jenħtieġ li tiffoka fuq il-kwistjoni ta' delimitazzjoni għall-ekoskemi, kif ukoll fuq il-ħtieġa għal flessibbiltà u soluzzjonijiet possibbli għall-kwistjonijiet li diġà ġew identifikati. Għal dan il-għan, il-Presidenza tippromponi l-mistoqsijiet li ġejjin:

a. X'tip ta' flessibbiltà fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tqis li hija meħtieġa biex tiġi appoġġata delimitazzjoni uniformi fl-UE kollha għall-ekoskemi?

b. Liema kriterji tqis li huma deċiżivi biex jiġi ddeterminat il-livell ta' delimitazzjoni possibbli fl-UE kollha?

8. Bħala t-tieni element tal-arkitettura ekoloġika, ir-rapport ta' progress tal-Presidenza Kroata enfażizza l-kwistjoni ta' sehem minimu ta' art mhux produttiva (KAAT 9) fis-sistema tal-kondizzjonalità. Il-Presidenza tixtieq li tagħti bidu għal din id-diskussjoni u tippromponi l-mistoqsija li ġejja għad-dibattitu tal-Kunsill:

c. Taħseb li jkun utli li jiġi stabbilit perċentwal minimu uniformi fl-UE kollha ta' żoni u elementi mhux produttivi fil-KAAT 9? Jekk iva, f'liema livell għandu jiġi stabbilit? U ż-żoni produttivi għandhom jingħaddu wkoll ma' dan il-perċentwal?